MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2010

Numru. 466/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Aquilina)**

**-vs-**

**Darren Cross**

**Kumpilazzjoni 466/2007**

Illum 21 ta’ Gunju 2010

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Darren Cross, ta’ 24 sena, bin Paul u Josette nee’ Sammut, imwieled Pieta, fit-18 ta’ Marzu, 1986 u residenti gewwa Flat 8 Ent. D

Binja Vista J A Ciantar Street, Birkirkara u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 145986(M).

Talli fi Frar 2006 bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' li jikkuntratta zwieg meta kien jaf li l-iskop uniku tal-persuna l-ohra fl-ikkuntrattar taz-zwieg kien li tinkiseb cittadinanza Maltija, jew l-liberta ta' Moviment f' Malta, jew permess biex tahdem jew biex tirrisjedi f' Malta, jew id-dritt li tidhol f' Malta jew id-dritt li tikseb kura medika f' Malta, wera dan il-hsieb, b' atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu.

U talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenza hija definittiva u ma tistghax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarja u li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta u l-artikolu 38 tal-Kap 355 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat u certu Nadia Boudina saru jafu lil xulxin tramite terza persuna u kienu ilu jafu lil xulxin xi tlett xhur meta marru r-Registru Pubbliku biex jibdew il-proceduri ghaz-zwieg. Tul dawn it-tlett xhur l-imputat u Boudina kienu jiltaqghu xi ftit drabi fil-gimgha.

Illi l-ewwel darba li marru r-Registru Pubbliku nfurma ruhhom dwar dak li kellu jsir; it-tieni darba li marru (b'appuntament), imlew kwistjonarju u sarilhom bhal speci ta' interview separatament minn xulxin. L-ufficjali tar-Registru Pubbliku mill-bidu nett ssuspettaw xi haga u ghalhekk wara t-tieni appuntamant minflok mexxew l-

applikazzjoni baghtu l-inkartament ghand l-Avukat Generali ghal parir. Wara dan it-tieni appuntamant l-imputat cempel darba r-Registru Pubbliku biex jara fejn kienu waslu l-proceduri u ma regghax cempel. Eventwalment baghtu ghalih il-pulizija biex jinvestigaw dan il-kaz.

Illi kien minghand il-pulizija li l-imputat sar jaf li Nadia Boudina kellha relazzjoni ma’ persuna ohra waqt li kienet qed tohrog mieghu; fil-fatt jidher li kienet ghamlet zmien tghix ma’ din il-persuna l-ohra anke meta kienet tohrog ma’l-imputat.

Illi l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat hija dik ta’ tentattiv ta’ l-hekk imsejjah zwieg ta’ konvenjenza ai termini ta’l-artikolu 38(1)(3) tal-Kapitolu 355 tal-Ligijiet ta’ Malta u li huwa recidiv.

Illi l-imsemmi artikolu 38 tal-Kapitolu 355 jipprovdi li ebda persuna m’ghandha tikkontratta zwieg ma’ persuna ohra meta tkun taf li l-uniku skop ta’ dik il-persuna l-ohra f’l-ikkuntrattar taz-zwieg huwa biss li tikseb cittadinanza Maltija jew xi vantagg iehor elenkat fis-subartikolu 1 ta’l-istess artikolu 38 tal-Kapitolu 355.

Illi ghalhekk biex ir-reat addebietat lill-imputat jigi pruvat irid jirrizulta li l-uniku skop ta’ Nadia Boudina f’l-ikuntrattar taz-zwieg mieghu kien li tikseb xi wiehed mill-vantaggi elenkati fis-subartikolu 1 ta’l-istess artikolu 38 tal-Kapitolu 355, li l-imputat kien jaf li dan kien l-uniku skop ta’ Nadia Boudina, li huwa b’atti esterni beda juri l-hsieb li ghamel dan ir-reat, li beda jaghti esekuzzjoni ghal dan ir-reat, u li dan ir-reat ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu.

Illi mill-provi jirrizulta x’kien l-iskop ta’l-imputat f’l-ikkuntrattar taz-zwieg. Huwa fil-fatt jammetti li ried jizzewweg lil Boudina mhux ghax kien ihobbha imma ghaliex prezentatu b’opportunita biex ikun jista’ jitlaq mid-dar tal-genituri tieghu fejn kien qed jghix sitwazzjoni difficli u biex ikollu min jiehu hsiebu. M’hemm l-ebda dubbju li dawn mhux ragunijiet ghalfejn wiehed ghandu jizzewweg

u li fuqhom ghandu jibni hajja matrimonjali u possibilment jistghu jkollhom effett negattiv fuq il-validita taz-zwieg, pero huwa zgur l-agir ta'l-imputat in kwantu x'kienet il-motivazzjoni tieghu f'l-ikuntrattar taz-zwieg ma jikkostitwiex reat.

Illi ghalhekk wiehed irid jezamina x'kien l-iskop ta' Nadia Boudina f'l-inkuntrattar taz-zwieg, jekk dan l-iskop kien wiehed projbit ai termini ta'l-artikolu 38(1) tal-Kapitollu 355, u jekk kienx jaf b'dan l-iskop l-imputat.

Illi mill-atti u l-provi prodotti ma jirrizulta xejn dwar dan. Ma ngabet l-ebda provi accettabli dwar min hi Nadia Boudina, x'inhu l-istatus taghha hawn Malta, u konsegwentement x'vantagg setghet takkwista biz-zwieg taghha ma'l-imputat u jekk kwalunkwe vantagg li setghet takkwista kienx jinkwadra ruhu f'l-artikolu 38(1) tal-Kapitolu 355. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li d-dokumenti esebieti minn Ermelinda Zahra in rapprezentanza tar-Registru Pubbliku huma kopji (awtentikati), ta' kopji mhux awtentikati, u ma jistghux jittiehdu in konsiderazzjoni bhala prova, ghalkemm anke kieku setghu jittiehdu in konsiderazzjoni dawn l-unika haga li jistghu juru hu li Nadia Boudina hija Marokkina. In oltre l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta'l-istqarrija ta' Michael Angelo Scerri esebieta mill-prosekuzzjoni wara li dan gie ezentat milli jixhed, ghaliex il-kontenut taghha mhux konfermat b'gurament.

Illi la darba ma giex pruvat x'kien l-iskop ta' Nadia Boudina f'l-ikuntrattar taz-zwieg ma'l-imputat u jekk l-imputat kienx jaf b'dak li seta' kien dan l-iskop, lanqas ma gie pruvat li l-eventwali zwieg bejnethom kienx ser ikun projbit ai termini ta'l-artikolu 38 tal-Kapitolu 355 ghalhekk ikun ezercizzju inutili li l-Qorti tezamina jekk dawk l-atti li ghamel l-imputat kienux atti merament preparatorji jew jekk jammontawx ukoll ghal bidu ta' l-esekuzzjoni tar-reat li l-prosekuzzjoni allegat li kien qed jigi tentat.

Ghal daw mil-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u u tilliberah minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------